



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija*

---

**2010/2016(INI)**

3.11.2010

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

għall-Kumitat għall-Affarijiet Legali

dwar l-iżgurar ta' studji tal-impatt indipendenti  
(2010/2016(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Giles Chichester

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija qed jitlob lill-Kumitat għall-Affarjiet Legali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jisħaq fuq il-fatt li l-Bord dwar l-Istimi tal-Impatt (IAB) tal-Kummissjoni għandu jiżgura kemm kontroll tal-kwalità riġidu kif ukoll trasparenza, għandu jinkludi persentaġġ raġonevoli ta' esperti indipendenti mhux eżekuttivi proposti mill-Kummissjoni, suġġetti għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew, u għandu jirrapporta lill-kumitat relevanti;
2. Jemmen li l-valutazzjoni tal-impatt hija strument xieraq għall-verifika tar-rilevanza tal-proposti tal-Kummissjoni, u partikolarment skont il-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità, u biex ikunu spjegati b'mod iktar ċar lill-koleġislaturi u lill-pubbliku inġenerali r-raġunijiet għall-għażla ta' miżura partikolari;
3. Iqis li l-IAB għandu jiċċekkja l-valutazzjonijiet tal-impatt kollha tal-Kummissjoni u jressaq opinjonijiet dwarhom; iqis li, jekk wara opinjoni kritika mill-IAB, il-Kummissjoni tiddeċiedi li ma tbiddilx il-proposta tagħha, għandha tiġi ppubblikata mal-proposta, dikjarazzjoni mill-Kummissjoni li tispjega din id-deċiżjoni, kif ukoll l-opinjoni tal-IAB;
4. Jenfasizza li l-valutazzjonijiet tal-impatt bl-ebda mod għandhom inaqqsi l-indipendenza tal-Kummissjoni fl-eżerċitar tal-prerogattivi istituzzjonali tagħha, u partikolarment id-dritt waħdieni tagħha li tipproponi leġislazzjoni kif stabbilit fl-Artikolu 17 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea;
5. Jemmen li l-IAB għandu jkun f'pożizzjoni li jivverifika l-kalkoli tan-nefqa tal-valutazzjoni tal-impatt (IA) u jistabbilixxi kalkoli tan-nefqa indipendenti bl-għajjnuna tal-esperti indipendenti fejn ikun meħtieġ;
6. Jemmen li l-impatt fuq is-sħubiji ekonomiċi tal-UE kif ukoll l-implikazzjonijiet tal-għażla ta' standard Ewropew speċifiku minflok standard internazzjonali għandu jitqies fil-valutazzjonijiet tal-impatt;
7. Jemmen li l-valutazzjonijiet tal-impatt għandhom isiru b'mod sistematiku għal kwalunkwe proposta leġislattiva u jitlob lill-Kummissjoni, għall-każijiet eċċezzjonali li għalihom ma tkunx tista' ssir valutazzjoni tal-impatt, biex dejjem tipprovdi ġustifikazzjoni raġunata għaliex ma tkunx saret valutazzjoni tal-impatt;
8. Jemmen li approċċ ta' kost u benefiċċji mhuwiex biżżejjed fir-rigward ta' valutazzjonijiet tal-impatt u għalhekk jenfasizza l-importanza ta' approċċ integrat għall-valutazzjonijiet tal-impatt li jindirizza l-interazzjonijiet bejn kunsiderazzjonijiet ekonomiċi – b'enfasi partikolari fuq l-SMEs –, ambjentali, soċjali, territorjali u tas-saħħa;
9. Jargumenta li kull valutazzjoni tal-impatt għandha tinkludi kunsiderazzjoni ta' politiki alternattivi u jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex twaqqaf mekkaniżmu biex tiġi żgurata kooperazzjoni interistituzzjonali akbar;

10. Jitlob lill-Kummissjoni biex tikkonsulta lill-partijiet interessati u r-rappreżentanti ta' istituzzjonijiet oħrajn tal-UE biex janalizzaw abbozzi qabel ma tiġi ffinalizzata l-proposta sabiex ikunu involuti fi stadju aktar bikri u b' mod aktar mill-qrib fil-proċess li jippermetti lill-Kummissjoni li timmira aħjar il-valutazzjonijiet tal-impatt u l-kontenut tagħhom fejn huma kkonċernati l-għażliet tal-politika; jemmen aktar li s-sommarji eżekuttivi tal-valutazzjonijiet tal-impatt għandhom ikunu pprovduti;
11. Jisħaq fuq il-fatt li l-valutazzjoni tal-impatt għandha tkun aġġornata matul iċ-ċiklu tal-leġiżlar, b'mod partikolari biex jitqiesu l-bidliet sostantivi għall-proposta leġiżlattiva inizjali li titressaq mill-Kummissjoni, u li l-aġġornament ikun disponibbli qabel il-votazzjoni finali fil-Parlament; iħeġġeġ użu aktar sistematiku u mmirat tal-valutazzjonijiet tal-impatt fil-Parlament f'każijiet fejn il-proposti jkollhom bidliet sostantivi fil-kumitat, bi qbil mal-approċċ Interistituzzjonali komuni għall-valutazzjonijiet tal-impatt u l-Manwal tal-valutazzjonijiet tal-impatt tal-Parlament;
12. Itenni li l-piż amministrattiv ta' leġiżlazzjoni ġdida li jrid jitpoġġa fuq in-negozju u l-amministrazzjoni pubblika huwa element sinifikanti meqjus mill-valutazzjonijiet tal-impatt, u l-ispejjeż amministrattivi u ta' konformità għandhom, jekk hu possibbli, jiġu kkwantifikati; jitlob biex jitqiesu kemm it-tnaqqis tal-piż amministrattiv kif ukoll l-ilħuq tal-miri tal-leġiżlazzjoni sabiex jiġi żgurat approċċ ibbalanċjat, u jħeġġeġ li l-effetti tar-regolament il-ġdid dwar l-industrija jridu jiġu vvalutati fid-dettall fir-rigward tal-oġġettivi tal-Istrateġija Ewropa 2020 u d-diskussjonijiet attwali dwar politika industrijali ġdida għall-Ewropa;
13. Jitlob li t-test tal-SMEs jiġi applikat u ppubblikat b'mod konsistenti biex jiġi evalwat l-impatt tar-regolament il-ġdid b'mod partikolari fuq l-SMEs;
14. Iqis li l-metodoloġija għall-proċess tal-valutazzjoni tal-impatt tal-IAB għandha tkun evalwata regolarment minn korp indipendenti bħal ma hija l-Qorti tal-Awdituri; iħeġġeġ li l-evalwazzjonijiet ex-post isiru biex juru jekk il-politika kinetx effettiva u biex jottimizzaw il-metodoloġija għall-evalwazzjonijiet tal-impatt;
15. Jenfasizza li dawk li jippromwovv l-proġetti jew il-benefiċjarji diretti jew indiretti tal-implimentazzjoni tagħhom ma għandhomx ikunu jistgħu jwettqu jew japprovaw l-abbozz tal-valutazzjoni tal-impatt, minħabba li hija meħtieġa valutazzjoni esterna indipendenti mandatorja;
16. Huwa tal-opinjoni li ma għandux ikun possibbli li l-valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali fuq proġetti jew leġiżlazzjoni mħallsa mill-amministrazzjonijiet pubbliċi jew l-intrapriżi dipendenti tagħhom jitwettqu jew jiġu approvati mill-amministrazzjoni kkonċernata;
17. Iqis li, minħabba l-ispejjeż tal-valutazzjonijiet tal-impatt, għandha tingħata prijorità lill-fatt li dawn jitwettqu fuq proposti leġiżlattivi li jistabbilixxu regoli vinkolanti.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	26.10.2010
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 44 -: 4 0: 2
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Jean-Pierre Audy, Ivo Belet, Bendt Bendtsen, Jan Březina, Maria Da Graça Carvalho, Giles Chichester, Pilar del Castillo Vera, Lena Ek, Ioan Enciu, Gaston Franco, Adam Gierek, Norbert Glante, Fiona Hall, Jacky Hénin, Edit Herczog, Romana Jordan Cizelj, Arturs Krišjānis Kariņš, Lena Kolarska-Bobińska, Bogdan Kazimierz Marcinkiewicz, Marisa Matias, Angelika Niebler, Jaroslav Paška, Anni Podimata, Miloslav Ransdorf, Herbert Reul, Teresa Riera Madurell, Jens Rohde, Paul Rübig, Amalia Sartori, Francisco Sosa Wagner, Konrad Szymański, Britta Thomsen, Patrizia Toia, Evžen Tošenovský, Claude Turmes, Niki Tzavela, Marita Ulvskog, Vladimir Urutchev, Adina-Ioana Vălean, Kathleen Van Brempt, Alejo Vidal-Quadras
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Antonio Cancian, Matthias Groote, Jolanta Emilia Hibner, Yannick Jadot, Oriol Junqueras Vies, Silvana Koch-Mehrin, Bernd Lange, Markus Pieper, Mario Pirillo